# DAWRIET GWIDATI BLA ĦLAS F'ŻEWĠ SITI TA'

# HERITAGE MALTA F'JUM IL-GWIDI TAT-TURISTI

**Stqarrija| 14 ta' Frar 2024**

F'għaqda ma' inizjattivi oħrajn madwar id-dinja li jfakkru Jum il-Gwidi tat-Turisti, nhar l-Erbgħa 21 ta' Frar Heritage Malta qed tistieden lill-pubbliku  biex igawdi dawriet gwidati bla ħlas fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija u l-Kumpless Preistoriku ta' Ħal Tarxien.

Jum il-Gwidi tat-Turisti jiġi ċċelebrat kull sena biex isellem il-ħiliet ta' dawn il-professjonisti li għandhom rwol ewlieni fit-tiswir tal-esperjenzi tal-vjaġġaturi fid-destinazzjonijiet tagħhom, filwaqt li jiġbed l-attenzjoni tal-awtoritajiet lokali, taċ-ċittadini u tal-midja lejn l-importanza ta' din il-karriera.

Din is-sena Heritage Malta ngħaqdet mal-Istitut tal-Istudji Turistiċi (ITS), l-istituzzjoni edukattiva ewlenija ta' Malta għat-turiżmu u l-ospitalità, biex toħloq attrazzjoni miżjuda għal kull min iżur il-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija u l-Kumpless Preistoriku ta' Ħal Tarxien.

Bejn id-9.30am u s-1.30pm, il-viżitaturi li jħallsu għad-dħul f'dawn is-siti se jkunu jistgħu jingħaqdu ma' dawra gwidata b'xejn, immexxija minn studenti tal-kors għall-gwidi turistiċi tal-ITS, assistiti mil-letturi tagħhom.

Il-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija fil-Belt Valletta joffri kollezzjoni spettakolari u esperjenza eċċellenti tal-preistorja u l-istorja bikrija tal-Gżejjer Maltin. B'artefatti li jmorru lura mill-perjodu Neolitiku ta' Malta sal-bidu tal-perjodu Feniċju, il-mużew joffri mawra ideali biex wieħed jifhem ir-rikkezza tal-Gżejjer Maltin, tal-poplu tagħhom u tal-antenati tiegħu.

L-istorja tal-Kumpless Preistoriku ta' Ħal Tarxien, min-naħa l-oħra, hija miġbura fis-sit innifsu. Id-daħliet imponenti tiegħu, il-passaġġi interkonnessi u l-arti preistorika affaxxinanti li turi spiralli u annimali, tittrasporta bi ħlewwa lill-viżitatur lejn l-aktar snin bikrija taċ-ċiviltà f'Malta.

Id-dawriet gwidati se jkunu offruti kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, kull siegħa u fuq bażi ta' min jasal l-ewwel jinqeda l-ewwel. Mhux meħtieġ li wieħed jerfa' post minn qabel.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta